TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 220/21/F

**Joe Montesin**

**vs**

**Mahmoud Hussaien**

Illum, 13 ta' Ottubru, 2022

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar it-28 ta' Diċembru 2021 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li l-intimat ġie debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar is-26 ta' Frar 2022 f'idejn ċertu "Aisha".

Ra li l-istess intimat naqas milli jippreżenta risposta u ñaqas ukoll milli jidher għas-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022, li għaliha kien debitament notifikat;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' erbat' elef Euro (€4,000) in linea ta' rimborż parzjali ta' somma aktar li kien ħallas lill-intimat għal xogħlijiet ta' tikħil u żebgħa mal-estern tal-appartament tar-rikorrent.

Illi bil-ġurament tiegħu, ir-Rikorrent sjega illi għalkemm is-somma totali mħallsa lill-intimat għax-xogħol kienet ta' ħamest' elef Euro (€5,000), huwa qed jillimita t-talba tiegħu għas-somma ta' erbat' elef Euro (€4,000) minħabba li fil-fehma tiegħu, mhux ix-xogħol kollu kien sar ħażin.

Illi r-Rikorrent ilmenta li x-xogħol sar b'mod ta' kafkaf u kien ovvju li l-intimat ried jiffranka kull fejn jista' f'dak li jirrigwarda għodda u materjal. Isemmi partikolarment episodju fejn minflok inkariga *cherry picker*, l-intimat għabba għadd konsiderevoli ta' xkejjer tas-siment fil-lift domestiku tal-korp tal-appartamenti.

Spjega li meta għamlet ix-xita f'Ottubru 2021, beda dieħel l-ilma mill-bnadi li suppost kienu tkaħħlu u nżebgħu sewwa mill-intimat.

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li nonostante li pprova jikkuntattja lill-intimat sabiex jagħmel interventi ta' rimpjazzament, inkluż bl-assistenza tal-MCCAA, dak kien kollu għal xejn.

Illi bis-silenzju tiegħu, l-intimat effettivament naqset milli jikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrent u dan minkejja li kellu kull opportunità li kieku ried;

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba ta' erbat' elef Euro (€4,000) magħmula mir-Rikorrent hija raġjonevoli u għalhekk, tistoqq akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-Rikorrent is-somma ta' erbat' elef Euro (€4,000).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***